LOMBARD

# *STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA*

Maħruġa: 10 ta' Awwissu 2006

## *Lombard Bank jixtri ishma fil-Maltapost p.l.c.*

Lombard Bank Malta p.l.c. xtara 35% tal-ishma tal-Maltapost p.l.c. mingħand Transend Worldwide Limited, sussidjarja tan-New Zealand Post.

Transend Worldwide Ltd. kienu ilhom azzjonisti fil-Maltapost mill-2002. Il-bejgħ ta' dawn l-ishma wasal wara deċizzjoni tas-soċjetà li tiffoka n-negozju fuq l-għanijiet prinċipali tagħha li huma li tipprovdi konsulenza fil-qasam tas-servizzi postali. Għall- numru ta' snin Transend Worldwide Ltd kellha *management contract* mall-Maltapost li skada f'Marzu tal-2005.

Lombard Bank jikkonsidra dan l-investiment bhala wieħed ta' importanza strateġika li għandu jkabbar il-valur għall-*istakeholders* kollha kemm tal-Bank kif ukoll tal-Maltapost.

Il-Bank ser iffittex li bl-esperjenza fil-qasam tas-servizzi jssaħħaħ il-firxa ta' prodotti u servizzi fil-Maltapost, biex b'hekk jissodisfa l-ħtiġijiet u l-aspettativi tal-kommunità.

Din it-transazzjoni għanda l-approvazzjoni ta' l-*Malta Financial Services Authority*.

***Contact Details:***
Edward Pirotta
Lombard Bank Malta p.l.c.
Valletta
Tel: 25581 166
E-mail: epirotta@lombardmalta.com